## Kunċett ġdid fl-UE dwar il-kosnum tal-enerġija

Il-MEUSAC flimkien mal-Awtorità Maltija għall-i*Standards*, b'kollaborazzjoni mal-*Malta Business Bureau*, organizza sessjoni ta' informazzjoni dwar żviluppi riċenti relatati mal-eko-disinn għall-prodotti li jikkunsmaw l-enerġija, għall-manifatturi u importaturi kif ukoll għall-konsumaturi.

Dan hu kunċett ġdid li qed tintroduċi l-Unjoni Ewropea u hu inizjattiva oħra biex dawn il-prodotti jkunu aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija.

Il-Kummissjoni Ewropea qed taħdem biex prodotti ġodda li jkunu se jiġu introdotti fis-suq ikunu ddiżinjati b'tali mod li jħarsu l-ambjent.

Dawn il-prodotti jvarjaw minn dawk li jintużaw fid-djar għal dawk li jintużaw biex idawlu t-toroq.

Fl-2005 il-Kunsill tal-Ministri u l-Parlament Ewropew approvaw qafas dwar direttiva li tistabbilixxi rekwiżiti għall-eko-disinn għal prodotti li jużaw l-enerġija.

Din id-direttiva qegħda tiġi riveduta permezz ta' dak li qed jiġi propost mill-Kummissjoni fejn, fost oħrajn, dawn il-prodotti jridu jħarsu l-ambjent u jtaffu l-effetti tal-bidla fil-klima.

Hu maħsub li fi tmiem dan il-proċess l-istati membri jkunu qegħdin iħaddnu Direttiva dwar l-Eko-disinn.

Ir-rekwiżiti jinkludu li l-prodotti jkollhom *stand-by mode*, kaxxi li ma jiħdux kard għat-televixin u r-radju diġitali, dwal għall-uffiċċji u t-toroq u *external power supplies*.

Hu propost ukoll li l-prodotti kollha jkollhom tikketti li juru kemm jaħlu enerġija biex il-konsumatur ikun jista' jagħżel dak li jaħli l-inqas.

Hu maħsub li din il-proposta tiġi addottata sas-sena d-dieħla waqt li hu mistenni li r-rekwiżiti jkunu implimentati sa



L-appartamenti f'Londra li kienu inawgurati mis-Sinjura Kate Gonzi, mart il-Prim Ministru, għall-użu tal-familjari ta' tfal Maltin li jkunu qed jirċievu kura għall-mard tal-kanċer



# Inawgurati l-appartamenti tal-Fondazzjoni *Puttinu Cares*

**Mart il-Prim Ministru, Kate Gonzi, fl-aħħar jiem inawgurat f'Londra blokk ta' appartamenti li nxtraw mill-Fondazzjoni *Puttinu Cares*. Dan bl-iskop li tingħata għajnuna lit-tfal li jkunu qed jirċievu l-kura medika fl-Ingilterra għall-marda tal-kanċer.**

Minn din l-inizjattiva tal-*Puttinu Cares* se jgawdu l-familji ta' dawn it-tfal li jgħaddu minn tant tbatija mhux biss minħabba l-marda li jkollhom, imma wkoll għax ikollhom jqattgħu żmien twil 'il bogħod minn Malta biex jieħdu l-kura medika fi żmien diffiċli għalihom.

L-appartamenti nxtraw grazzi għall-ħidma qawwija ta' numru kbir ta' voluntieri kif ukoll grazzi għall-ġenerożità u s-solidarjetà tal-poplu Malti, tal-bank HSBC f'Malta kif ukoll ta' numru ta' entitajiet oħrajn.

F'diskors tal-okkażjoni, is-Sinjura Gonzi spjegat kif iż-żjara tagħha f'Londra wasslitha biex tifhem xi ftit aħjar l-isfidi li jiltaqgħu magħhom dawn il-familji, it-tfal li jbatu u ma jifhmux dak li jkunu għaddejjin minnu, il-ġenituri li jaraw lil uliedhom qed ibatu, u l-ispejjeż kbar li jidħlu fihom.

Kate Gonzi qalet li l-Fondazzjoni *Puttinu Cares* hasset il-ħtieġa li timmobilizza r-riżorsi tagħha – biex ittaffi xi ftit minn din it-tbatija.

Dan il-proġett jixhed il-valuri tal-ġenerożità, is-solidarjetà u l-volontarjat li jħaddan il-poplu Malti. Valuri, li skont mart il-Prim Ministru, huma essenzjali li jibqgħu fil-fibra tas-soċjetà u tal-identità tagħna l-Maltin.

Kate Gonzi rringrazzjat lil kull minn jiddedika ħinu għall-volontarjat u raddet ħajr ukoll lill-*HSBC Cares for Children Fund* li kien indispensabbli biex din il-ħolma ssir realtà.

Hawnhekk appellat lil organizzazzjonijiet oħra simili biex huma wkoll jidħlu għal proġetti bħal dawn.

Mart il-Prim Ministru rringrazzjat ukoll lit-tobba, l-infermiera u l-professjonisti kollha li l-familji u t-tfal jiddependu fuq l-appoġġ professjonali tagħhom. B'mod partikolari rringrazzjat lill-i*staff* tar-*Rainbow Ward* għax-xogħol li jagħmel b'tant imħabba u dedikazzjoni.

Kellha wkoll kliem ta' radd il-ħajr għas-saċerdoti u s-sorijiet Maltin li joffru l-għajnuna morali u spiritwali tagħhom lil dawn il-familji. Kate Gonzi kellha wkoll kliem ta' ringrazzjament f'isem il-Gvern Malti lill-i*staff* tal-isptar *Royal Marsden* u l-*Great Ormond Street Hospital* ta' Londra li jagħmlu ħafna xogħol mal-pazjenti żgħar Maltin.

Il-blokk ta' appartamenti li nxtraw mill-Fondazzjoni *Puttinu Cares* tbierku f'Londra mill-Arċisqof ta' Malta Pawl Cremona.

# Inqas emissjonijiet u spejjeż fl-Ewropa

Il-Gvern Malti ffirma l-*Blue Med Declaration* għall-ħolqien ta' dak li jissejjaħ *Functional Airspace Block* tal-Mediterran, li jfisser rotot tal-ajru b'anqas perikli, b'inqas emissjonijiet u inqas spejjeż għal-linji tal-ajru.

Id-Dikjarazzjoni kienet iffirmata mill-Ministru tal-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni Austin Gatt, f'Ruma, flimkien ma' Ċipru, il-Greċja u l-Italja, u mill-Albanija, l-Eġittu u t-Tuneżija bħala parteċipanti u l-Ġordan bħala osservatur.

Bil-leġislazzjoni *Single European Sky* l-istati memri tal-UE huma obbligati jiffurmaw parti minn dawn il-*Functional Airspace Blocks* ibbażati fuq ħtiġiet operazzjonali li ma jiġux imxekkla miż-żoni tal-ajru nazzjonali.

L-ewwel fażi tal-*Blue Med* kien studju li sab li b'*management* aħjar jistgħu jiġu ffrankati 1.7 miljun kilometru lill-ajruplani u b'hekk il-linji tal-ajru b'mod kollettiv jiffrankaw 1.8 miljun ewro.

Il-Ministru Gatt qal li Malta hi kommessa li tipparteċipa f'dan il-proċess minħabba li dan jagħti importanza lil żewġ aspetti partikolari, il-ħarsien tal-ambjent u inqas spejjeż.